MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru 246/1996

Il-Pulizija
(Supretendent Alexandra Mamo)

vs

Benjamin sive Benny Mamo
John Mamo
Rita Cini

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 250641(M), 575463(M) u 232265(M) rispettivament, talli:

1. f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta gew ipprezentati, ircevew bihom hlas jew hadu kunsinna ta’ oggetti jew gabru depozitu jew rahan

minn ufficju pubbliku jew minn Bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern – bi ksur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 9;
2. xjentement ghamlu uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta gew ippresentati rcevew bihom hlas jew hadu kunsinna ta' oggetti jew gabru depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn Bank jew stabbiliment iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern – bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap 9;
3. ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' Bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe' dokumenti falsifikati tad-Dwana u 'invoices' foloz, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li kienu iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew jippruvaw;
4. aktar talli xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija hawn fuq – bi ksur tal-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9;
5. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tgharif falz – bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9;
6. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlu qligh b'qerq li jammonta ghal aktar minn Lm1000 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta – bi ksur tal-Artikolu 308 u 310 tal-Kap 9;
7. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana akkuzati talli fil-21, 25 u fis-27 t'April 1994 kif ukoll fis-7 u d-9 ta' Marzu 1994 bhala diretturi u ghan-nom ta' 'Cycle World Limited' ta' 128, Valley Road, Imsida, baghtu jew ippermettew li jintbaghtu telefax message lid-ditta barranija 'Daytona' bil-hsieb li jevadu d-dazju dovut lill-Gvern ta' Malta; aktar talli

xjentement talbu jew ippermettew li tigi mitluba lid-ditta ‘Daytona’ li l-valuri fuq il-fatturi ma jurux il-valur rejali izda ridotti kif hemm indikat fit-telefax message b’konsegwenza li d-ditta ‘Daytona’ baghtet lis-‘Cycle World Limited’ fatturi minn numri 700409 u 700420 datati 15.3.1994 u 18.5.1994 rispettivament; aktar talli l-istess persuni imsemmija hawn fuq ghamlu jew ippermettew dikjarazzjoni falza fid-dokument tad-Dwana ta’ Malta, Duty Entry 147537 u Duty Entry 30939 datati 30.05.1994 u 29.03.1994 rispettivament, f’dak li jirrigwarda valuri rejali, kif ukoll ipprezentaw jew ippermettew li jigu pprezentati wkoll fatturi hawn fuq imsemmija. B’dawn id-dokumenti d-Dwana ta’ Malta rrilaxxjat konsenji ta’ muturi Kawasaki lid-ditta ‘Cycle World Limited’, il-valuri dikjarati huma Lm3217 u Lm6740 meta fil-fatt il-valuri rejali kellhom ikunu Lm4129 u Lm9584, b’dan huma evadew dazju dovut lill-Gvern ta’ Malta li jammonta ghal Lm1393, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur tal-Artikolu 62(b)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. kontra Benjamin sive Benny Mamo bhala Direttur ghan-nom tal-kumpanija ‘Cycle World Limited’, f’isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-02.03.1995 fixkel lill-Ufficjali tad-Dwana fl-esekuzzjoni ta’ dmirijiethom billi naqas li jaghti informazzjoni rikjesta rigwardanti firem fuq dokumenti tad-Dwana ta’ Malta – bi ksur tal-Artikolu 62(j) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tinfliggi l-pieni skond il-ligi, f’isem il-Kontrollur tad-Dwana, jekk jinstabu hatja, terz tal-piena ta’ flus, jitqiesu fuq tal-talba tal-prosekuzzjoni bhala dejn civili u ghandhom jigu dikjarati mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza, li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bhalli kieku nghatat f’azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hatja - dan skond l-Att 62 Proviso tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (folio 363) permezz ta’ liema baghat lura l-atti lil dina l-Qorti sabiex tiggudika fuq il-htija jew htijiet tal-imputati skond l-artikoli

tal-ligi hemm citati fin-nuqqas ta’ opposizzjoni min-naha taghhom.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kawza tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda kompriza dik tal-imputat Benjamin Mamo bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza t-talba mill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jittiehdu l-odjerni proceduri kriminali taht il-Kap 37;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju, l-imputati jinsabu akkuzati tar-reati, dedotti:

Taht il-Kap 9:
- bl-Artikolu 167 ossija falsifikazzjoni ta’ dokumenti;
- bl-Artikolu 169 ossija bl-uzu scenti tal-istess;
- bl-Artikolu 183 ossija bil-falsifikazzjoni ta’ atti pubblici etc.. minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku;
- bl-Artikolu 184 ossija bl-uzu scenti tal-istess;
- bl-Artikolu 188 ossija bl-ghemil ta’ dikjarazzjoni jew stqarrija falza lil awtorita’ pubblika;
- bl-Artikoli 308, 309, 310 li jittrattaw it-truffa aggravata u l-frodi innominat aggravat;

Taht il-Kap 37:
- bl-Artikolu 62, fid-diversi ramifikazzjonijiet tieghu, senjatament:
i. li zbarkaw oggetti li d-dazju taghhom ma kienx imhallas jew kawtelat (s-subinciz ‘b’);
ii. li xjentement gew fil-pussess ta’ dawn l-oggetti (s-subinciz ‘g’);
iii. li xjentement garrew, warrbu jew hbew etc…l-oggetti bil-hsieb li jevadu id-dazju fuqhom (subinciz ‘h’);
iv. li xjentement adoperaw qerq fl-importazzjoni etc…tal-oggetti (subinciz ‘i);
v. li xjentement ghinu jew assistew fl-ghemil tar-reati (subinciz ‘k’);

vi. li ghamlu dikjarazzjoni jew taw dokument jew informazzjoni falza (subinciz ‘m’);
vii.li fixklu ufficjali biex ma jsirx kontrabandu (subinciz ‘j’).

Illi l-fatti ta’ din il-kawza jirrisalu ghas-sena 1994 u timplika lill-imputati f’evazjoni ta’ dazju li serviet bhala trampolin ghall-akkuzi l-ohra taht il-Kap 9 dedotti kontra l-imputati. Fi kliem l-allura Spettur Alexandra Farrugia Mamo, illum Supretendent Alexandra Mamo l-investigazzjonijiet bdew wara rapport li kienet irceviet mid-dwana dwar is-socjeta’ lokali ‘Cycle World Limited’ fejn kien allegat li s-socjeta’ kienetipprezentat lid-dawna xi dokumenti foloz relatati mal-importazzjoni ta’ muturi mill-Ingilterra. Is-Supretendent spjegat fix-xhieda taghha illi kienu rrizultaw messaggi bil-fax mibghuta mill-imputata Rita Cini lill-kumpanija estera jisimha ‘Daytona’ sabiex jitnaqqas il-prezz originali ta’ xi muturi li s-socjeta’ Maltija kienet ser timporta u dan ghal finijiet ta’ hlas ta’ dazju. Ta’ min isemmi hawnhekk illi mhux qieghed jigi kontestat bl-ebda mod mill-imputati illi fi zmien l-allegat reat huma kienu t-tlieta kemm huma diretturi tas-socjeta’ ‘Cycle World Limited’. Dan il-fatt jirrizulta minghajr tlaqliq mill-istqarrijiet rispettivi taghhom rilaxxjati fil-kors tal-investigazzjoni li jinsabu esebiti in atti.

Fl-istqarrija taghha Rita Cini qalet li l-firma fuq il-fatturi ossija d-‘duty entry’ tad-dwana bin-numri 30939 u 147537 ma kienux taghha. Ma kinitx taf bid-diskrepanzi fid-dokumenti doganali. Ikkonfermat li l-fatturi kienet xi drabi tircevihom hi u gieli ikkorrispondiet ma’ Paul Evans tas-socjeta’ estera ‘Daytona’. Cahdet pero’ li dan sar fuq tnaqqis ta’ prezzijiet.

Fl-istqarrija tieghu Benjamin Mamo iddikjara li hu la jaf jaqra jew jikteb jew jiffirma. Fuq domanda dwar komunikazzjonijiet li ghaddew mis-socjeta’ taghhom mas-socjeta’ estera ‘Daytona’ sabiex jigi dikjarat prezz inqas ghal fini ta’ dazju irrisponda ‘zgur ma nafx biha din’ u wkoll stqarr li ma kienx jaf xejn dwar korrispondenza mas-socjeta’ estera biex jigu dikjarati prezzijiet baxxi biex jigi evitat dazju.

Fl-istqarrija tieghu John Mamo stqarr li s-sehem tieghu fis-socjeta' huwa ta' 'mechanic'. Qatt ma ghadda dokumenti ta' ordnijiet lid-dwana ghalkemm kellu x'jaqsam ma' ordnijiet ta' xi 'parts' izda qatt m'ghamel ordnijiet mas-socjeta' estera 'Daytona'. Lanqas kien jidhirlu li kellu x'jasam mad-'duty entries' numru 147537 jew 30939. Iddikjara li qatt ma kien mela dokumenti simili jew li mar bihom id-dwana. Stqarr li jekk ikkorrisponda mas-socjeta' Daytona kien dwar problemi teknici. Kien sema' bl-isem Paul Evans minghand ohtu izda ma kellux x'jaqsam ma' ordnijiet mas-socjeta' estera jew korrispondenza dwar tnaqqis ta' prezzijiet.
Intant, jidher li huma z-zewg 'duty entries' fuq riferiti li jikkostitwixxu l-qafas tal-vertenza tant illi l-Kontrollur tad-Dwana fl-ittra tieghu indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija tat-2 ta' Frar 1996, li instigat l-odjerni proceduri, hekk talab -

- "li bhala diretturi u ghan-nom ta' 'Cycle World Ltd'… fil-21, 25 u s-27 t'April 1994 kif ukoll fis-7 u d-9 ta' Marzu 1994 baghtu jew ippermettew li jintbaghtu 'telefax message' lid-ditta barranija Daytona bil-hsieb li jevadu d-dazju dovut lill-Gvern Ta' Malta. Huma xjentement talbu jew ippermettew li tigi mitluba lid-ditta Daytona li l-valuri fuq il-fatturi ma jurux il-valuri reali izda ridotti kif hemm indikat fit-'telefax message' hawn fuq imsemmija. Fuq dak rikjest id-ditta Daytona baghtet lill-'Cycle World Ltd' fatturi bin-numri 700409 u 700420 datati 15 ta' Marzu 1994 u t-18 ta' Mejju 1994 rispettivament. L-istess diretturi ghan-nom tal-imsemmija ditta 'Cycle World Ltd' xjentement ghamlu jew ippermettew dikjarazzjoni falza fid-dokument tad-dwana 'Duty Entry' 147537 u 'Duty Entry' 30939, datati 30 ta' Mejju 1994 u 29 ta' Marzu 1994 rispettivament, f'dak li jirrigwarda valuri reali. Ma dawn id-dokumenti huma ipprezentaw jew ippermettew li jigu pprezentati wkoll fatturi hawn fuq imsemmija. B'dawn id-dokumenti fil-31 ta' Mejju 1994 u fid-29 ta' Marzu 1994 id-Dwana ta' Malta rrilaxxjat konsenji ta' 'motorcycle' Kawasaki lid-ditta 'Cycle World Ltd'…"

Mill-provi rizultanti mill-atti jirrizulta li l-fattura numru 700409 mibghuta mid-ditta estera lis-socjeta' lokali datata

15 ta’ Marzu 1994 (folio 50) hija segwitu ghall-ordni maghmula minn din l-ahhar socjeta’datata 7 ta’ Marzu 1994 (folio 53). Fl-ahhar paragrafu ta’ din l-ordni taht il-firma ta’ Rita Cini jintalab jekk huwiex possibbli li fil-fattura jigi indikat prezz orhos ossija li minn £2626 l-prezz jigi indikat £2326 u kwantu ghad-differenza tigi indikata bhala spejjes. Adesjoni min-naha tad-ditta estera ma tinbsabx fl-atti minn fejn pero’ jirrizulta li l-importazzjoni taz-zewg muturi indikati fl-imsemmija fattura gew effettivament impurtati f’Malta skond kif jirrizulta mid-dokument folio 72 li jirreferi ghaz-zewg muturi identifikabbli permezz tan-numru tax-chassis taghhom rispettivament u skond valuri issuggeriti mid-ditta lokali. Difatti jirrizulta mit-tali dokument li d-dazju thallas skond valuri tal-fattura tal-15 ta’ Marzu (hawn fuq riferita).

Illi kwantu ghall-fattura l-ohra li ggib in-numru 700420 (folio 60) fuq liema il-prosekuzzjoni qeghdha wkoll isostni li kien hemm evazjoni ta’ dazju, dak li jirrizulta hu li l-valur tal-muturi b’referenza ghal din il-fattura nghataw globalment fl-ammont ta’ £10,700 mentri, fuq skorta ta’ ittra, folio 64, ghandu jirrizulta li tali valur globali kellu jkun ta’ £15620. Hu riavvisabbli, fil-kuntest ta’ din ta’ l-ahhar, illi mid-dokumenti doganali esebiti (folio 75 sa 77) il-prova tal-importazzjoni tinsab fil-konfront ta’ sitt muturi biss minn ghaxra indikati skond il-folio 60. Hemm izda l-messagg fax datat 25 ta’ April u 27 ta’ April 1994 tas-socjeta’ lokali, taht il-firma ta’ Rita Cini, li jispjega il-valur globali pretiz u esigibbli mill-Kontrollur tad-Dwana u l-modalita’ ta’ pagament effettwat fir-rigward tad-differenza.

Illi dana huwa bizzejjed konvincenti biex din il-Qorti tasal tikkonkludi li fir-rigward iz-zewg partiti ta’ importazzjoni fuq indikati kien hemm evazzjoni ta’ dazju fit-termini kif spjegat a folio 71 u f’dan il-kuntest u skond il-fehma tal-Qorti m’ghandu l-ebda soljev ghaz-zewg imputati Benjamin u Rita Cini r-rapport tekniku rikjest minnhom dwar il-valuri;

Ikkonsidrat:

Dwar l-akkuzi riportati fir-rigward il-falsifikazzjoni, filwaqt li il-Qorti qeghdha ssib li l-akkuza tat-truffa jew il-falz innominat huma ghal kollox eskluzi stante li assolutament ma jissusistux l-elementi li jissostanzjaw tali akkuzi, mhux ukoll pero' fil-konfront ir-reati li jittrattaw il-falsifikazzjoni li jistghu jittiehdu f'kuntest uniku. Jigi hawn enfasizzat li l-falsifikazzjoni titratta dik ideologika jigifieri dik li tikkoncerna dokument (f'dan il-kaz zewg dokumenti ossija dawk li huma iffirmati u jidhru a folio 72 u 75) li "non e' veridicio" billi jghid dak kuntrarju ghal veru, li, fil-kaz in ezami, huwa rispekkjat fil-valuri li nghataw lill-muturi.

Illi mill-bqija jirrizulta li skond l-Att tal-Interpretazzjoni (Kap 249, Artikolu 13) "meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda, ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficcjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'din il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-tgharif taghha u li tkun esercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-ghemil tar-reat…". Fil-kaz in meritu l-imputati jistqarru li kienu ilkoll diretturi tas-socjeta' 'Cycle World Ltd'. Jirrizulta li l-messaggi fax intbaghtu taht il-firma tal-imputata Rita Cini u li d-dokumenti tad-dwana riferibbilment ghal dawk folio 72 u 75 jikkontjenu l-firma ta' l-imputat Benjamin Mamo. Li fil-konfront ta'l-imputat l-iehor John Mamo hu ma jinkwadra imkien fil-proceduri salv l-istqarrija rilaxxjata minnhu li tikkostitwixxi prova li izda tiskagunah ai termini tal-artikolu appena citat mill-Kap 249.

Illi l-Artikolu 62 tal-Kap 37 izomm responsabbli "kull min" voldieri li z-zewg imputati l-ohra ghandhom jitqiesu responsabbli li evadew id-dazju jigifieri li huma hatja tar-reati migjuba kontra taghhom taht l-Kap 37 fil-waqt li l-imputat Benjamin Mamo ghandu wkoll jinsab hati ta' falsifikazzjoni ai termini tal-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 bl-assorbiment tal-artikoli tal-ligi l-ohra dwar il-falsifikazzjoni ghad-esklussjoni tal-Artikolu 308, 309, 310 li jittrattaw it-

truffa u l-frodi innominat li taghhom il-Qorti qeghdha ssibu mhux hati u kwindi tilliberah.

Fl-ahharnett u relattivament il-piena: taht il-Kap 37 fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat il-piena kienet differenti minn kif hija illum. Billi l-piena illum hi aktar vantaggjuza ghall-imputat hija ghalhekk din l-ahhar piena li ghandha tigi applikata; dwar ir-reati taht il-Kodici Kriminali l-piena baqghet l-istess cioe' minn tlettax il-xahar sa erba snin prigunerija.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 167, 169, 183, 184, 188, 17(b) tal-Kap 9 u 62(b)(g)(h)(i)(k)(m) eskluz is-subinciz (j) tikkundanna:

- lill-imputata Rita Cini multa ta' €1740;
- lill-imputat Benjamin Mamo prigunerija ta' tlettax il-xahar oltre multa ta' €580. In kwantu ghall-prigunerija hi ghandha tibqa' sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ghall-sentejn mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perjodu sospiz taghha;
- tordna li terz tal-multa, f'kull kaz, titqies bhala dejn civili li ghandu jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana;
- ukoll tikkundanna lill-imputati Benjamin Mamo u Rita Cini ihallsu solidarjament bejniethom l-ispejjez inkorsi matul dawn il-proceduri fin-nomina tal-esperti fiz-zmien mhux oltre xahar li jigu notifikati lilhom mir-Registratur ta' dawn il-Qrati;

Il-Qorti fehmet lill-imputat Benjamin Mamo ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza kif obbligata skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------